MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2007

Numru. 1044/2005

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')

vs

Alexander Borg

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Alexander Borg ta' 52 sena, bin Francis u Victoria nee' Ellul, imwieled Pieta fit-3 ta' April, 1955, residenti f'9, Triq id-Denci, Mellieha, u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 265055(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-24 ta' Settembru 1999, ta xhieda falza f'materja civili;

Kif ukoll talli fit-28 ta’ Frar, 2000 ghamel affidavit falz, kemm jekk f’Malta jew barra minn Malta, waqt li kien jaf li dak l-affidavit kien mehtieg jew mahsub ghal proceduri civili f’Malta;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 15 ta’ Mejju, 2005 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, liema dokument jinsab esebit a *folio* numru 11 tal-process.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar il-11 ta’ Jannar, 2007 (*folio* 13) *ai termini* ta’ l-artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta tat-23 ta’ Frar, 2007 u dan wara li huwa inghata zmien xieraq biex jekk trid terga’ lura minn tali ammissjoni.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-imputata, il-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 106(1) u (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li ssib lill-imputat Alexander Borg hati ta’ l-akkuzi kollha kif minnu ammessi u tiddeciedi bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tilliberah bil-kundizzjoni li huwa ma jikkommettiex reat iehor ghal perijodu ta’ tmintax (18) il-xahar millum. Wara li rat l-Artikoli 109(1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qeghda wkoll tordna l-

interdizzjoni generali tal-imputat, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-imputat Alexander Borg iservi bhala xhud, hlief fil-Qrati tal-Gustizzja, u milli jservi bhala perit u dan ghal perijodu ta’ hames (5) snin millum.

Il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex fil-kaz ta’ htija l-imputat ghandu jigi kkundannat ihallas l-ispejjez konnessi ma’ l-hatra ta’ esperti kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 u dan peress li ma jirrizultax li kienu mahtura esperti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------